## KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

### Minuti tal-Laqgha Nru. 52 / 2014

Il-Laqgha Nru 52/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni saret
it-Tnejn 29 ta' Settembru,2014 fis-6.45pm (wara l-Laqgha Amministrattiva No 51 li kellha ssir
fit-12 ta'Settembru,2014 ma saritx minhabba li ma kienx hemm quorum)
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

**Prezenti ghal-laqgha :** Attender

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sur Rodrick Spiteri | Sindku Paola |
| Dr Alexie Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur J Attard | Sindku – Zejtun |
| Is-Sur Joseph Abela | Sindku Tarxien |
| Mr Nigel Holland | Sindku Furjana |
| Mr Edric Micallef | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sinj. Tania Belfiore | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzat :**
Is-Sur Justin John Camilleri – Sindku Isla
Is-Sinj. Alison Zerafa Civelli – Sindku Bormla
Is-Sinj. Speranza Chircop - Sindku Kalkara
Is-Sur Frans Debono – Sindku Marsa

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha fis-6.45pm.

**<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti</u>**

1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 50/2014 mizmuma fl-4 ta' Awwissu,2014 u l-Iskeda ta' Pagamenti kienu gew iċċirkolati minn qabel, u ghalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti u Skeda ta' Pagamenti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis- Segretarju Eżekuttiv, u l-Iskeda tal-Pagamenti giet iffimata wkoll

mis-Sindku ta' Rahal Gdid u dak tax-Xaghjra.

## 2.1 Il-Performance tal-Kumpanija Gdida tal-Wardens fir-Regjun Xlokk

Il-President spjega lil dawk prezenti kif fl-ewwel ghaxart (10) ijiem minn meta is-servizz tal-gwardjani lokali beda jinghata mill-kumpanija Guard & Warden (jigifieri mill-1 sa' l-10 ta' Settembru, 2014), il-performance kienet ta' 31% u li sallum il-gurnata it-tracking tela' ghal kwazi 100%. Dan kollu, zied jghid, qieghed juri li sar progress enormi minn meta l-kumpanija tal-Guard & Warden hadet over f'dak li jikkoncema infurzar lokali fil-lokalitajiet fi hdan ir-Regjun.

Id-diskussjoni daret fuq it-Transport Management Sytem (TMS) fejn gie ccarat li hija ghad-diskrezzjoni tal-kunsilli lokali li jiddeciedu liema kumpanija tal-gwardani tigi mqabbda u sigurament mhux tar-Regun. Dan ghaliex huwa l-kunsill lokali li finalment kien ser ihallas u mhux ir-Regjun Xlokk. Gie iccarat ukoll il-punt li kwalinkwe servizz iehor li involvi nfurzar lokali, ghandu jigi mghoddi lill-kumpanija Guard & Warden.

Il-President, ix-Chev Paul Farrugia, rega' fakkar lill-bqija tal-kumitat li r-rata tal-hlas tat-TMS bejn iz-zewg kumpaniji tal-gwardjani lokali Guard & Warden u l-iSterling Security Services hija differenti ghaliex filwaqt li l-Guard & Warden jiccargjaw kemm lill-kunsilli lokali kif ukoll lill-pubbliku ingenerali bl-istess rata, l-iSterling Security jitlobu hlas ghola lill-kunsilli lokali minn dak li jitolbu lill-pubbliku.

Is-Sur Joseph Attard, Sindku taz-Zejtun, ressaq suggeriment li intlaqa' tajjeb mill-Kumitat, u li l-Prresident, ix-Chev. Paul Farrugia, informa lil dawk prezenti li behsiebu jressqu lill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL). Is-suggeriment tas-Sindku taz-Zejtun huwa li l-kunsilli lokali ghandhom ikollhom kummissjoni ta' 15% mill-kumpanija tal-gwardjani lokali kull meta jinghata servizz tat-TMS. Zied jghid li din it-talba ghandha ssir lill-kumpanija tal-wardens u mhux titressaq l-AKL.

Hawnhekk id-diskussjoni daret fuq l-infurzar lokali gewwa l-Belt Valletta. Gie kkonfermat li r-Regjun Xlokk kien laqa' it-talba tas-Sindku tal-Belt, cioe' li fuq ir-rotta gewwa il-Belt jinqalghu l-gwardjani lokali li kien hemm fi zmien l-iSterling u jintbaghtu ohrajn godda. Il-President, indirizza direttatment lis-Sindku tal-Belt, Dr. Alexei Dingli rigward diversi rapporti li wasslulu, liema rapporti jghidu li l-gwardjani lokali qeghdin jigu mitluba biex ma jaghtux multi lin-nies jghixu fil-belt Valletta. Dr Alexei Dingli, filwaqt li ddikjara cahda totali totali dwar dan, stqarr li huwa nnifsu ta ordni stretta biex kull individwu jigi stmat l-istess, huwa stqarr ukoll li kull ma kien qal hu biex il-gwardjani lokali ghandhom ukoll jiehdu inkonsiderazzjoni l-problemi li jhabbtu wicchom maghhom ta' kuljum ir-residenti tal-Belt.

Saru diversi interventi minn diversi Sindki.

Is-Sindku ta' Hal Tarxien, is-Sur Joseph Abela, tkellem rigward nuqqas ta' prezenza ta' gwardjani lokali fit-toroq arterjarjari ta' Hal Tarxien. Il-President wiegbu fis-sens li huwa kien diga' iddiskuta din il-problema u talab soluzzjoni ma' min hu inkarigat mill-infurzar lokali. Is-Sindku ta' Rahal Gdid, is-Sur Roderick Spiteri xtaq ikun jaf kemm il-numru ta' portable cameras il-kumpanija Guard & Warden hi lesta li tipprovdi lill-kunsilli lokali, kif ukoll wera x-xewqa li l-Echo Warden li prezentatment qeghdin jaghtu servizz fil-lokalita' tieghu, jigu mibdula. Is-Sindku tal-belt Valletta, Dr Alexei Dingli talab li t-tracking records jigu mghoddija lill-kunsilli lokali halli jkunu

3 9

jistghu jarawhom ghaliex huwa dritt tal-kunsilli.

3.1 **Affarijiet ohra**

### Tribunali

Tribunali

Il-President spjega lill-Kumitat li l-ghazla tal-lokalita', cioe' iz-Zejtun, ghall-uniku Tribunal li se jibqa' ezistenti kienet saret mill-Ministeru u fl-ebda waqt ir-Regun Xlokk ma gie mitlub jaghti l-fehma tieghu.

Id-diskussjoni daret fuq is-sitwazzjoni tal-prosekuturi li bhalissa qeghdin jaghtu s-servizz taghhom gewwa t-Tribunali tal-Belt u tal-Fgura. Il-President informa lill-Kumitat li filwaqt li l-kuntratt tas-servizz tal-prosekutur tal-Fgura ilu zmien sew skadut, il-kuntratti tal-prosekuti tat-Tribunal tal-Belt qatt ma gew f'idejn ir-Regjun Xlokk.

Il-President informa wkoll lill-Kumitat li filwaqt li l-Authorised Officer tal-Belt wasal ghal kompromess mar-Regjun Xlokk u ser jieqaf mid-doveri tieghu fil-31 t'Ottubru, 2014, informa lill-Kumitat li l-impjiegi taz-zewg impjegati l-ohra, is-Sinjura Doris Grima u s-Sur Anthony Tonna, li kienu jahdmu fuq bazi ta' self employed gewwa t-Tribunal tal-Belt, gew imwaqqfa fil-31 t'Awwissu, 2014 b'ordni diretta mid-Direttur Generali, principarjament minhabba li rrizulta li l-kuntratti taghhom ma kienux kuntratti regolari u li l-eta' taghhom kienet 'il fuq minn dik tal-irtirar.

Gie diskuss kif ir-Regjun m'ghandux ikollu r-responsabilita' tat-Tribunal u kull responsabilita' ghandha taqa' fuq il-Ministeru tal-Gustizzja.

Is-Sur Joseph Attard, Sindku taz-Zejtun intervjena billi sahaq li t-Tribunal huwa parti mis-sistema gudizzjarja Maltija u b'kawza ta' dan l-ispejjez ghandhom jigu koperti mill-Ministeru kkoncernat li ghandu wkoll ikun responsabbli ghall-hlas tal-Kummissarju u anke tal-impjegati tat-Tribunal. Sahaq ukoll li l-unika persuna li r-Regjun Xlokk ghandu d-dritt li jikkumpensa huwa l-Prosekutur. Il-kumitat qabel unaninament dwar dan u gie deciz li r-Regjun Xlokk jibghat ufficcjalment lill-Ministeru tal-Gustizzja.

Is-Sindku tal-Belt Valletta, staqsa r-raguni ghaliex intaghzlet l-aktar binja ta'tribunal li ggorr maghha spejjez enormi ta' kera. Il-President rega' sehaq li l-ghazla saret mill-Ministeru bla ma gie ikkonsultat hadd. Intervjena wkoll fuq dan is-suggett, is-Sindku ta' M'Xlokk, is-Sur Edric Micallef. Huwa wera qbil perfett mas-Sindku taz-Zejtun u temm jghid li jekk il-Ministeru jhoss li l-ghazla ta' fejn jinzamm it-tribunal ghandha tkun tieghu, hekk ukoll il-Ministeru ghandu jgorr ir-responsabilita' tal-ispejjez u l-attrezzament tat-Tribunal taz-Zejtun, li meta wiehed iqis kollox, huwa l-aktar wiehed li fih spejjez.

Kulhadd qabel unaninament li l-interventi ta' dawn is-Sindki jigu pprezentati bhala proposti ghar-riforma li ser issir fi zmien qasir.

**Fondi mill-UN Global Cities**

Il-President, ix-Chev Paul Farrugia, informa lill-membri tal-Kumitat rigward possibilta' ta' fondi li r-Regjun Xlokk jista' jjakkwista permezz tal-U.N. Global Cities li r-Regjun huwa membru tieghu grazzi ghall-hidma tas-Sur Malcolm Borg. Informa wkoll lill-kumitat li r-Regjun Xlokk huwa l-ewwel wiehed f'Malta u t-tieni fid-dinja li inghaqad fih.

Il-President temm jghid li r-Regjun se jikkomunika mas-Sur Borg sabiex titalab l-informazzjoni mehtiega sabiex din tigi kkomunikata mal-kunsilli lokali fi hdan ir-Regjun Xlokk halli fejn ikun hemm lok li r-Regjun ikollu possibilta' li jircievi xi fondi, dawn ma jintilfux, kif ukoll nesploraw aktar fondi Ewrope ghal prgetti li ibbenifika minnhom ir-Regun Xlokk mill-ERDF u ESF.

**<u>Gheluq:</u>**

Il-Laqgha spiccat fit-7:45pm

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Tania Belfiore**
***Segretarju Ezekuttiv***

Minuti approvati llum , ta' 2014.